San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 19**
**Tas-Seba Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgħa 9 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Viċi Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Anne Marie Fenech | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur F. Chircop | Segr. Eżekuttiv |
| | |
| Skużat/a:- | John Bray |
| | Peter Abela |

Assenti:- Xejn

Is-Sindku qal it-talba u presieda l-laqgha.

1 *Qari u approvazzjoni tal-Minuti.*

Il-Minuti tal-laqgha 18, ittiehdu bhala moqrija peress li gew cirkulati minn qabel. Wara li l-minuti gew approvati, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju.

2 *Punti mqajma*

Billi ghal-laqgha kien hemm prezenti s-Sur Isaac Grima, s-sindku Mario Salerno talab biex jinghata permess jghid dak li kellu jghid. Is-Sur Grima qal li kienu saru allegazzjonijiet li bhala kuntrattur, riedu jqacctuhom il-barra. Ghalhekk huwa gie biex jinghata spjegazzjoni. Is-Sindku Mario Salerno qal li fil-laqgha precedenti l-kunsill kien ga ha decizjoni li l-kunsill ma' jiddiskuti xejn fuq allegazzjonijiet u ghaldaqstant kulhadd irid jifhem li wiehed irid jghid minn fejn gew l-allegazzjonijiet u jsemmi l-ismijiet biex dawn jittresqu quddiem il-kunsill ghax inkella jkun kollu hin mitluf tal-laqgha. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li bhala kunsill dejjem ta' spejegazzjoni u tkellem direttament ma' kull kuntrattur viva voce. Il-vici Sindku Alex Bezzina sostna li peress li ga l-kunsill kien iddecieda li fuq allegazzjonijiet ma' jigux diskussi aktar fuq il-mejda tal-kunsill ghalxejn qed nitkellmu, u ghaldaqstant lis-sur Isaac Grima Jason irringrazzjah u qallu li ma' kien hemm l-ebda nkwiet. Anne Fenech staqsiet ghaliex inxtraw il-bollards tal-plastic li twahhlu quddiem il-knisja. Is-Sindku Mario Salerno spjega li l-kunsill m'ghandu l-ebda kuntratt li huwa "exclusive" u ghaldaqstant m'ghandu l-ebda rabta li jixtri biss minghand il-kuntrattur. Jekk jaqbel ghall-kunsill, il-kunsill huwa fid-dmir tieghu li jixtri l-irhas u juza' l-haddiema tal-istess kunsill biex iwahhal l-affarijiet, u ghaldaqstant mhux marbut bilfors li juza s-servizzi tal-kuntratturi meta xi haga tista' ssir mill-impjegati tal-istess kunsill.

3 *Approvazzjoni ta' l-iskeda finanazjarja.*

Kien hemm diversi items li fuqhom intalbet spjegazzjoni ghax id-deskrizzjoni tal-oggetti li kienu nxtraw ma' kienitx daqshekk cara. Saret talba biex l-ammont totali tas-salarji tal-impjegati jibda jintwera maqsum u bla isem minhabba d-data protection act, u l-kontijiet tat-telefon jibda jitnizzel minn meta sa' meta jkun qed jithallas. Il-kunsillier Raymond Tabone talab ghall itemised bill tat-telefon number li kien ser jitnehha minhabba li nstab li l-kunsill ma' kellux aktar uzu ghalih. Ghaldaqstant Graziella Galea talbet biex il-lista ta' mistoqsijiet li kienu ghaddew permezz tal-email tigi mehmuza mall-minuti.

Wara din il-verifika u spjegazzjoni aktar dettaljata tal-iskeda tal-pagamenti, dawn gew approvati u ffirmati mis-sindku u mis-segretarju ezekuttiv.

4 *Korrispondenza.*

Billi parti mill-korrispondenza kellna talba biex il-kunsill jirrifondi l-flus tar-remote control ta' bollard li twahhlet fit-triq mill-isess kunsill, saret diskussjoni qasira u

gie deciz li kull minn kien xtara remote control u jitlob refund tal-flus li jkun hallas, dan ghandu jipprezenta l-ircevuta u jigi rifondut l-ammont kollu li jkun nefaq.

Giet prezentata l-ittra minghand is-sur Frank Mifsud li huwa kuntrattur tal-knis fil-kunsill ta' San Pawl. Fl-ittra l-kuntrattur qal li minhabba ragunijiet ta' sahha fil-familja ser ikollu jwaqqaf il-kuntratt tieghu mall-kunsill. Is-Sindku kompla jghid li dan huwa kaz genwin u billi hemm ragunijiet ta' sahha fil-familja tal-istess kuntrattur ta' minn jikkonsidra t-talba tieghu. Il-vici sindku Alex Bezzina qal li l-istess kuntrattur talab biex ma' jinzammlux il-bank guarantee li ghandu mall-kunsill fuq din it-tender. Il-kunsillier qal li l-kunsill ghandu jitlob l-istess kuntrattur biex sakemm tohrog tender ohra, Frank Mifsud ghandu jkompli bil-hidma tieghu. Il-kunsill ikkunsidra din it-talba u bi qbil mas-Sur Frank Mifsud qabel li ghandu jibda' l-process halli tinhareg tender tal-knis u sadanittant il-kuntrattur ikompli jonora l-istess tender.

Inqrat korrispondenza minghand it-TCTC, u gie konfermat li ghall darba ohra, din is-sena ghandhom jitkomplew isiru il-korsijiet tal-kompjuter mit-TCTC.

5 *Aggornamenti.*

Kwotazzjonijiet tal-kompjuters. Wara li s-segretarju ezekuttiv precedent kien talab kwotazzjonijiet ta' tlitt laptops ghall-uzu tal-kunsill, gie deciz li jinxtraw l-ahjar u l-irhas minn dawk li gew kwotati. Ghaldaqstant l-ghazla marret ghall-tlitt laptops – Acer, minghand tal-KLIKK computers.

Billi kien gie deciz li l-kunsill jibda l-process halli jiddisponi minn hafna kompjuters antiki u apparat iehor elettroniku li spicca jokkupa spazju zejjed fil-garaxx tal-kunsill, intalab permess minghand il-kunsill halli jintremew. Ghaldaqstant il-kunsillier Peter Abela flimkien ma' Ray Bartolo offrew li jghinu f' dan il-process u kien hem mil-qbil unanimu minghand il-kunsill biex isir dan il-process.

Xiri ta' *jigger* u *generator* ghall-uzu tal-Kunsill. Is-Sindku Mario Salerno nforma lill Kunsill li wara li ntallbu tlitt kwotazzjonijiet ghax-xiri ta' jigger u generator ghall-uzu tal-Kunsill gie deciz li jinxtraw minn hwienet differenti ghaliex *generator* bil-kapacita li talab il-kunsill kien irhass minghand dak offrut minn fejn inxtara l-*jigger.*

Approvazzjoni tal-iskrivana.
Is-Sindku Mario Salerno nforma lill kunsill li kien tlesta l-process tal-ghazla tal-iskrivana u l-works manager. Il-bord tal-ghazla, kompost minn Ray Tabone, Jane Chircop, Carmel Hili u John Bray li kien skuzat flimkien mas- Sindku Mario Salerno u s-segretarju ezekuttiv, ghazel lis-sinjorina Maria Vella. Wara li Graziella Galea qalet li l-bord tal-ghazla kien inbidel, is-sindku spjega li ghall-iskrivani u l-works manager, ma' kellux jibqa l-istess bord tal-ghazla li kien iffurmat qabel. Huwa spjega li l-bordijiet tal-ghazla jinbidlu bi ftehim minn qabel, aktar u aktar minhabba li l-istess kunsilliera mhux dejjem ikunu jistghu jattendu. Wara diskussjoni fuq il-hatra tal-bord tal-ghazla giet sospiza l-laqgha ghall-hames

minuti (mis-7.30pm u bdiet fis-7.35pm). Billi l-process tal-ghazla ta' tlitt skrivani ghad irid jitkompla gie deciz li l-ghazla tal-bord mahtur ghanda tkun decisiva u finali. Ghaldaqstant Maria Vella giet konfermata u s-sur Martin _____ gie konfermat bhala works manager. Fid-dawl ta' dan is-Sindku kompla biex propona halli l-bord tal-ghazla tal-iskrivani li ghad iridu jintghazlu jkun maghmul minn Mario Salerno, Carmel Hili, Jason Camilleri, Ray Tabone, Jane Chircop, Mandy Buhagiar, John Brayy flimkien Daniel Grima u Robert Piscopo jekk jaccettaw. Fuq din ittiehdet votazzjoni b' 7 favur u 3 kontra (Graziella Galea, Robert Piscopo u Anne Fenech jastjenu).

6 *Performance Bonus.*

Is-Sindku Mario Salerno qal li billi kellna diversi tibdiliet kemm fl-impjegati tal-kunsill kif ukoll fis-segretarji ezekuttivi f' Dicembru li gej irridu napprovaw il-performance bonus kemm tal-haddiema klerikali kif ukoll tas-segretarji ezekuttivi. Ghaldaqstant huwa talab lis-segretarju ezekuttiv biex jara kemm iridu jinghataw, anke dawk li telqu u spiccaw mill-kunsill.

7 *Sleeping Policeman*

Il-kunsillier Raymond Tabone samma li hemm bzonn issir sleeping policeman fejn ta' Fra Ben ghax qed ikun sewqan sfrenat u esagerat ghall-quddiem ic-centru ta' Bugibba. Alex Bezzina, l-vici Sindku kompla jghid li hemm diversi lmenti u kemm il-darba kien ser ikunu xi accident. Billi din it-triq hija triq principali saret diskussjoni qasira u gie deciz li jsiru ripple lines, biex almenu sewwieqa li jkunu nezlin min naha ta' Fra Ben inaqsu mill-velocita.

8 Xoghol ta' infrastruttua.

Bollard ta' quddiem il-knisja.

Il-kunsillier Jason Camilleri qal li gew ordnati l-bollard tal-cast iron biex jinbidlu dawl li twahhlu temporanjament quddiem il-knisja. Dawn ghandhom jehlu mill-kuntrattur b'tali mod li jekk ikun hemm xi funeral jew funzjoni ohra, jkunu jistghu jitnehhew temporanjament.

CCTV's fil-bandli tal-Vecc.

Billi dawn il-bandli gew vandalizzati diversi drabi u hemm il-hsieb li ghall darba ohra jergghu jittrangaw gie maqbul li ghandhom jibdew jehlu cameras ta' sorveljanza kull fejn il-kunsill jonfoq flus biex jissewwew bandli vandalizzati. Ghaldaqstant ghandhom jingabru kwotazzjonijiet u tintaghzel l-ahjar u l-irhas offera.

Talba tad-devoluzzjoni. Is-Sindku Mario Salerno qal li hemm il-hsiebb li tintalab id-devoluzzjoni tal-lattrini li jinsabu abbandunati taht il-promenade tal-pjazza ta' Bugibba. Billi dawn il-lattrini kienu ghaddew minn kunsill precedent lill terzi persuni, huwa kompla jghid li l-ahjar tintalab devoluzzjoni halli dawn jergghu jghaddu f'idejn il-kunsill. Is-Sindku Mario Salerno qal li f' wahda minn dawn il-kmamar jista' jsir ix-xoghol halli l-kunsill ikollu sub-office fic-centru tal-pjazza. Dan minhabba li l-istess kmamar ghandhom rampa tal-accessibilta, parkegg quddiem u ma' jirrikjedux hafna spejjez biex jittrangaw. Fuq dan kien hemm approvazzjoni minghand kulhadd.

Zebra crossing quddiem is-Suncrest Hotel. Il-kunsillier Carmel Hili talab lill kunsill biex jikkunsidra halli ssir talba mal-awtoritajiet koncernati halli ssir zebra crossing quddiem is-Suncrest Hotel. Huwa kompla jghid li fl-istess post kien ghadu kemm sar accident fejn mietet mara u huwa perikoluz immense biex jaqsmu n-nies. Is-Sindku kompla jghid li fl-istess inhaw qed ikun hemm hafna dlam u ghandu jintalab lill-Enemalta biex jehel aktar dawl fl-inhawi.

9 *Evalwazzjoni Finanzjarja matul l-ahhar disa' xhur.*

Is-Sindku Mario Salerno qal lill kunsill li wasal iz-zmien biex il-kunsill jibda jhares il-quddiem fid-dawl tal-isfidi finanzjarji li ghandu. Dan minhabba li l-ispejjez tal-kuntratturi qed jizdiedu u billi ser johorgu tenders godda minhabba li hafna minnhom skadew, qed jipprevedi li l-ammonti mitluba ser ikunu sostanzjalment ghola minn dawk li kellna. Ghaldaqstant mis-sena d-diehla ghandu jsir evalwazzjoni halli naraw kif nistghu nnaqsu l-ispejjes f'dan ir-rigward.

10 *Affarijiet ohra.*

Korrispondenza elettronika.

Qamet diskussjoni fuq jekk korrispondenza elettronika ghandiex tintbaghat lill kulhadd, anke jekk m'ghandiex x'taqsam direttament mall-kunsilliera. Ray Tabone qal li fuq kwistjonijiet tad-data protection act din il-prassi ghanda tinbidel specjalment fid-dawl li intbghatu l-listi ta' kull minn qed jirregistra mall-ETC lill kunsilliera kollha bid-dettalji personali tagghom. Billi saret diskussjoni shiha fuq din gie deciz li kull informazzjoni relatata mall-kunsill ghandha tintbaghat lill kunsilliera kollha kif hemm stipulat fil-ligi. Robert Piscopo qal li huwa u Graziella Galea qed jitolbu li kull korrispondenza ghanda tintbghat, dan minhabba li kien hemm invit fejn il-kunsilliera kienu mistiedna u ma' kienux jafu bih. Hawnhekk is-Sindku Mario Salerno semma li kull darba qed isiru hafna allegazzjonijiet u kif ga kien miftiehem allegazzjonijiet infundati ma' ghandhom jigu diskussi. Huwa kompla jishaq li allegazzjonijiet infondati u bla ebda prova ma' jigux diskussi u fuq dan ghandu jittiehed vot. Saret il- votazzjoni b'7 favur u 4 kontra – l-proposta li ma' jigux diskussi u kunsidrati l-ebda forma ta' allegazzjonijiet minghajr provi u ismijiet konkereti ghaddiet.

Clean Up Day fi Triq it-Turisti.

Il-kunsilliera Jane Chircop spjegat li nhar is-Sibt 24 ta' Novembru ser ssir clean up day fi Triq it – Turisti bl-iskop li l-pubbliku jibda jsir konxju tal-indafa u l-harsien tal-ambjent.

Uniformijiet ghall-iskrivani.

Wara diskussjoni qasira gie deciz li minhabba li l-uniformijiet tal-iskrivani kienu qdiemu u l-iskrivani l-godda ma' ghandhom'x, jaqbel li tohrog sejha ghall-kwotazzjoni halli jinxtraw mill-gdid. Ghaldaqstant is-sindku talab lis-segretarju biex johrog talba ghall-kwotazzjoni.

11 **Aggornament**

**Minhabba li kien sar il-hin, Il-laqgha spiccat fit-8.45pm**

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Frans Chircop**
**Segretarju Ezekuttiv**

Annex 1

Mistoqsijiet ta' kjarifika mtella minn Graziella Galea, John Bray, Peter Abela, Anne Fenech, Robert Piscopo u Daniel Grima.

Items 3804, 3810, 3814, 3849: Xiri ta' ikel: X'inhi r-raguni ghal dan l-infiq kollu fuq ikel ghall-Ufficju?
Items 3818-3: X'inhu l-ammont li thallas kull impjegat tal-Kunsill Lokali?
Item 3828: Liema xhur ikopru dawn il-kontijiet? Liema huma n-numri koperti bl-item 'office telephones'?
Item 3832 & 3876: Liema xhur u zoni jkopru dawn il-kontijiet? Kif inhadem l-ammont dovut?
Item 3836: Xi jkopri dan is-survey?
Item 3839: Dan hu pagament differenti minn dak li ghadda fl-ahhar laqgha tal-Kunsill? Jekk iva xi jkopri?
Items 3842 & 3843: Ghal xix inu dan il-pagament?
Items 3845 & 3846: Kemm il-tshirt inxtara?
Item 3846: X'inhu traffic post?
Items 3853 & 3854: Dawn huma tenders tal-Kunsilli Lokali? Ser jithallsu minn fondi tal-Kunsill?
Item 3854: X'inhuma dawn l-istickers?
Item 3864 & 3865: Dan hu pagament differenti minn dak li ghadda fl-ahhar laqgha tal-Kunsill? Jekk iva xi jkopri?
Item 3867: Xi jkopri dan it-traffic management?
Item 3868: X'inhu dan is-servizz?
Item 3871: Xi jkopri dan il-pagament? Ghal liema tender qed tirreferi?
Item 3867: X'inhi r-raguni li ser isir biss part payment? Liema xhur ikopri dan il-pagament?
Item 3871: Dan hu pagament differenti minn dak li ghadda fl-ahhar laqgha tal-Kunsill? Jekk iva xi jkopri?

Risposta ta' dawn il-mistoqsijiet inghatat mis-Sindku Mario Salerno u wara l-iskeda tressqet ghall-approvazzjoni. Din giet approvata u l-istess skeda giet iffirmata mis-Sindku u segretarju Ezekuttiv.